MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Numru. 262/2007

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Malcolm Mifsud, iben Michael, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Marzu, 1985

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –

1. talli fid-9 ta’ Diċembru, 2006 mill-fond bl-isem ‘Arcadia’, numru 100, Triq Nazju Ellul, Gżira kkometta serq ta’ flus kontanti u diversi oġġetti oħra għad-dannu ta’ Stephen Azzopardi u membri oħra tal-familja tiegħu, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-lok u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq,

jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Paul Grech liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma tisskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtije jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, u 279 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikoli 334, 325 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-ewwel u ti-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u

tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ elf u sitta u għoxrin euro (€1,026) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------